Parroċċa San Ġużepp, il-Kalkara
St. Joseph Parish Church, Kalkara
Uffiċċju Parrokkjali, Misraħ l-Arċisqof Gonzi, il-Kalkara KKR 1513
Tel. 2182 6438 email: parrocca.kalkara@maltadiocese.org

14

20/2025

L-intenzjoni tal-Assoċjazzjoni hija li dan ir-restawr isir minn ditta professjonali, Atelier del Restauro taħt id-direzzjoni tas-Sa. Valentina Lupo, kif mitlub mill-istess linji gwida ta' din il-miżura. Sabiex issir il-konservazzjoni meħtieġa qed jiġi propost dan il-*method statement* bażiku:

1. Iż-żarmar tal-pitturi mill-prospettivi tagħhom.
2. Trasport lejn il-laboratorju tad-ditta professjonali li ser tagħmel dan ix-xogħol.
3. Tindif ta' trabijiet u ħmieġ ieħor, verniċ u materjal ieħor li akkumula fuqhom matul iż-żmien.
4. Tiswija ta' xquq u tiċrit.
5. Irtukkjar ta' żebgħa fejn meħtieġ.
6. Jingħata passata b'materjal protettiv jew verniċ fejn meħtieġ.
7. Tindif u rtukkjar tal-gwarniċi indurati.
8. Trasport lura u armar tal-pitturi fil-prospettivi tagħhom.

Kif jitlesta dan ir-restawr iż-żewġ pitturi jkunu lura fil-Knisja għat-tgawdija tal-poplu kollu matul is-sena kollha. Sadanittant, l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara tiddikjara dan li ġej:

1. L-applikazzjoni għal dan ir-restawr sabiex possibilment niksbu dawn il-fondi tfisser li l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara ser tkun qed toħroġ kwalunkwe spejjeż jew bilanċi oħra relatati. B'hekk il-Parroċċa tal-Kalkara mhux ser tkun qed tiffinanzja l-ebda spejjeż marbuta ma' dan il-proġett.
2. Il-pitturi ser jibqgħu propjetà assoluta tal-Parroċċa għall-użu esklussiv tagħha. Dan ifisser li l-użu tagħhom huwa biss għad-diskrezzjoni tal-Parroċċa u l-Kappillan *pro tempore* tagħha.

Kemm il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kunsill Ekonomiku qabel ma' din il-proposta Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob li jkollna l-approvazzjoni tal-Eċċellenza tiegħek sabiex jibda x-xogħol meħtieġ ta' restawr fuq il-pitturi tal-kappelluni.

Waqt li nitlob il-Barka pastorali tiegħek,

Għoddni tiegħek fi Kristu

T. Buttigieg

| | | |
|---|---|---|
| Sinjura Tessie Buttigieg | Fr Nicholas Pace | Sur Martin Navarro |
| Segretarja KPP | Kappillan | Kunsill Ekonomiku |

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

PARROCCA S. ĠUŻEPP KALKARA – MALTA

Annessi: Talba tal-Assoċċjazzjoni Wirt il-Kalkara
Method Statement Uffiċċjali mingħand ir-Restawratriċi li jinkludi r-ritratt

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
illum 15 ta' Jannar 2025
Charles Buġeja, Kanċillier

**Il-Kurja tal-Arċisqof**
**P.O. Box 1,**
**Il-Furjana FRN 1520.**
**MALTA.**

**20/2025**

# DIGRIET

Nilqgħu t-talba tar-Reverendu Monsinjur Nicholas Pace, Kappillan tal-Parroċċa tal-Kalkara, rikorrent, fit-termini tar-relazzjoni tal-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku.

Mogħti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 1 ta' Frar 2025.

(ft) ✠ Joseph Galea Curmi
Isqof tit. ta' Cebarades
Vigarju Ġenerali

(ft) Charles Bugeja
Kanċillier

Kopja tal-oriġinal
Illum, 1 ta' Frar 2025

Fr. Charles Bugeja
Kanċillier

CONFERENTIA
EPISCOPALIS
MELITENSIS

KUMMISSJONI PATRIMONJU KULTURALI
KATTOLIKU

27 ta' Jannar 2025

**Prot. N. 20/2025 - Parroċċa Il-Kalkara**
**Restawr tal-Pitturi tal-Kappelluni - Pittura tal-Madonna ta' Pompei (Giuseppe Cali) u Pittura tal-Immakulata Kunċizzjoni (Filippo Venuti)**

Għażiż Dun Charles,

Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan il-proġett ta' restawr.

Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tislijiet,

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju
Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku, Kurja tal-Arċisqof, P.O. Box 1, Il-Furjana FRN 1520, Malta Tel +356 2590 6510 Email kpkk@maltadiocese.org

**Isem tal-Parroċċa / Entita'** Parrocca Kalkara - Restawr Pitturi tal-Kappelluni

**Numru tar-Rikors** 020/2025

**Numru tad-Digriet** 044/2025

**Data tad-Digriet** 1 ta' Frar 2025

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Digriet** | € 10.00 | ☐ | € 0.00 |

**Digrieti dwar proġett**

| | | Valur tal-Proġett | |
|---|---|---|---|
| Bejn €5,000 u €50,000 | 0.50% | €15,000.00 | € 75.00 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 0.40% | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.30% | | € 0.00 |

**Digrieti ta' Sanazzjoni**

| | | Valur tas-Sanazzjoni | |
|---|---|---|---|
| Bejn €5,000 u €50,000 | 1.50% | | € 0.00 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 1.20% | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.90% | | € 0.00 |
| | | | € 75.00 |

Numru tal-Call A/c ____________________

Numru tar-Riċevuta ____________________

L-ispejjeż tad-Digriet se jittieħdu mill-*call account.*

Fr. Charles Bugeja

Fr Charles Bugeja
Kanċillier

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS